**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Każ numru 36/2019 (SG)**

**Il-Pulizija**

**versus**

**Terence (Terence William) Zammit**

**Illum 11 ta' Diċembru 2024**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-akkużat **Terence (Terence William) Zammit**, imwieled Attard, Malta fid-19 ta' Awwissu 1974, detentur tal-karta tal-identita' numru 432074M, li permezz taghha gie akkuzat talli nhar is-26 ta' April 2018, u fil-jiem u xhur ta' qabel fir-Rabat Għawdex u ġewwa Għawdex:

1. *Approprjat ruħek minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilek taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioe' ħadt flejjes li jammontaw għall-aktar minn ħamest elef ewro (EUR 5,000) liema flus ġew fdati lilek jew ikkunsinnatajti lilek minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz għad-dannu ta' Isabelle Fanchy u Patrice Dubarre u/jew ta' persuni oħra, u dan sar bi ksur tal-artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta..*

**Rat** in-nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tas-16 ta' Ġunju 2020 (fol 121) fejn l-Avukat Ġenerali deherlu li tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) fil-konfront tal-imputat taħt dak li hemm maħsub:

a. Fl-artikoli 17, 18, 23, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 49, 50, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Rat** illi waqt is-seduta tat-3 ta' Novembru 2021 l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

**Rat** illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-sebgħa (7) ta' Frar 2022 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Semgħet** lill-Prosekuzzjoni, il-parte civile u lid-difiża jiddikjaraw fis-seduta tas-sittax (16) ta' Marzu 2022 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

**Rat** il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta, kif ukoll il-provi miġbura sussegwentament;

**Rat** id-dokumenti kollha esebiti;

**Rat** id-digriet ta' din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta li permezz tiegħu nħatar Vincent Ciliberti sbiex jagħmel aċċess, jiffotografa l-oġġetti in kwistjoni u jagħmel valutazzjoni tagħhom.

**Rat** ir-rapport magħmul mill-espert maħtur.

**Semgħet** ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni;

**Semgħet** ix-xhieda kollha prodotti mill-imputat;

**Semgħet** is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

**Provi miġbura**

**PS 676 Edelon-Kerubin Spiteri** xehed li kien irċieva kwerela datata 26 ta' April 2018 mingħand l-Avukat Joshua Grech għan-nom ta' Isabelle Farchy u Patrice Dubarre fejn allegaw illi huma taw xogħol b'kuntratt lill-imputat għal xogħlijiet fil-fond numru 4/5, Triq Sir Mikelanġ Refalo, ir-Rabat, Għawdex. Terence Zammit kien ħa numru ta' oġġetti, prinċiparjament twieqi, bibien, iron railings mill-istess fond iżda dan naqas milli jwettaq ix-xogħol kollu fdat lilu bil-konsegwenza li eventwalment ix-xogħol b'kuntratt twaqqaf. Xehed li nonostante dan kollu, Terence Zammit allegatament qiegħed jirrifjuta milli jerġa' jrodd lura l-oġġetti fdati lilu.

Permezz ta' stqarrija ffirmata mill-imputat, mogħtija fis-16 ta' Mejju 2018, l-imputat fl-ebda ħin ma ċaħad li huwa għandu oġġetti illi kienu ttieħdu mill-fond li kien ħadem fuqu u , mistoqsi:

"*M: ...l-ewwel waħda mingħand Isabelle Farchy u Patrice Dubarre fejn fihom ġie allegat int ħadt numru ta' aperturi, railings u bibien. Int dawn l-affarijiet naqblu kont ħadthom bil-kunsens tas-sid?*

*R: Dak ħadthom biex nagħmel pjaċir lis-sid għax dawn ma tistax taħdem bihom ġo saqajhom. Din Isabelle ma kellhomx fejn tagħmilhom dawn l-affarijiet u jien offrejt li nżommhom jiena sakemm naslu li jerġgħu jitwaħħlu fil-post.*

*M: Jiġifieri inti naqblu li dawn ma humiex tiegħek u l-ftehim kienli terġa treġġaħom lura?*

*R: Iva l-ftehim kien li x'ħin naslu għalihom nerġa' neħduhom lura.*

*M: Mela għax mintix qiegħed teħodhom lura?*

*R: Għax fil-frattemp waqaftni minn xogħol. Bejnietna hemm kawża ċivili u jien qiegħed ngħid li għandha ittini l-flus....jien ma rridx natiha l-affarijiet lura sakemm tinqata l-kawża ta' bejnietna. Jien dawk l-affarijiet la ħa nbiegħhom u lanqas ħa nagħtihom lil ħaddieħor u lanqas ħa nżommhom għalija personali. Jien dawk se nżommhom sakemm tinqata l-kawża bħala leverage. Jien hi lili għamlitli mandat u rabtitli kollox għax ma nista' nbiegħ xejn".*

Illi waqt seduta tat-28 ta' Novembru 2019, Isabelle Farchy ikkonfermat li kienet qabbdet lil Terence Zammit bħala turnkey contractor f'Marzu 2016, u x-xogħol inbeda f' April 2016. Fl-istess sena, l-imputat ħa l-bibien u t-twieqi u r-railings li kienu jinsabu fil-binja, biex jagħmel xogħol ta' restawr fuq il-fond. Skont il-kwerelanta, kien hemm ħmistax-il tieqa bl-internal shutters, ħames bibien tradizzjonali b'external shutters, ħamsa u għoxrin bieb intern, antiporta u l-bieb prinċipali. F'Novembru 2017, hi tterminat il-kuntratt ta' xogħol ma' Terence Zammit għaliex waqa' lura fix-xogħol, u minn dakinhar baqgħet tistenna illi l-imputat jirritorna lura l-oġġetti tagħha.

Ġew preżentati ukoll diversi emails bejn l-avukati tal-parte civile u tal-imputat fosthom email datata 23 ta' Jannar 2018 fejn Dr Daniel Calleja informa lil Dr Joshua Grech illi:

*"My client has a number of doors which are owned by your client. Possibly she includes these door in the figures which she has proposed. He has been willing to give her these doors for over a year and a half. She can collect them whenever it is convenient for her as the works agreed on these doors have already been carried out. Also he is in possession of the railing which is mentioned in the judicial letter and once again this can be collected by your client....also she is requested to indicate what her intentions are in respect of three external arched windows and seven internal doors..."*

Ġiet ippreżentata email datata 14 ta' Novembru 2018, fejn Dr Joshua Grech waqt li għamel referenza għal proposta min-naħa tal-imputat fis-seduta preċedenti, biex l-oġġetti jiġu ritornati lill-klijenta tal-mittenti, talab ukoll li "*kindly indicate what are the possibilities please?*" Intbagħtet ukoll reminder datata 30 ta' Novembru 2018. Jirrizulta imbagħad li fit-18 ta' Frar 2019, l-Avukat Daniel Calleja informa lil Dr Joshua Grech illi "*ġie kellemni l-klijent u għarafni li*

*jinsab f'posizzjoni li jirritorna l-aperturi lill-klijenta tiegħek. Sa żmien ħmistax għandhom jiġu ritornati lura. Jeħodhom lura hu fil-post li tindikalna l-klijenta tiegħek."*

Permezz ta' email datata l-1 ta' Marzu 2019, Dr. Daniel Calleja nforma lil Dr Joshua Grech illi *"Kindly be informed that on Monday Terrence will do his utmost to deliver the apertures by noon"*. Għal din l-email hemm risposta mill-avukat Grech illi "*Mrs. Farchy pointed out that besides the apertures, your client should return also the railing, the box of vents and the cable"*.

Email datata 4 ta' Marzu 2019 mibgħuta mill-Avukat Grech tgħid illi Terrence Zammit "*not surprisingly at all, ...did not turn up"*. Sinjal ċar illi l-imputat minkejja l-wegħda tiegħu ma ħax lura l-oġġetti mwiegħda.

Waqt aċċess miżmum mit-tekniku Vincent Ciliberti fil-garaxx fi triq is-Santwarju Puniku fil-11 ta' Settembru 2020 ġie konstatat li numru konsiderevoli ta' aperturi antiki jew qodma u railings tal-ħadid kienu effettivament stivati f'garage propjetà ta' Vince Cassar. Il-parte civile identifikat dawn l-oġġetti bħala li kienu parti mill-aperturi li nqalgħu mill-fond fir-Rabat u li kienu ttieħdu mill-imputat. F'dan l-istadju, l-imputat qal lil parte civile, is-Sinjura Isabelle Farchy li setgħet tieħu kollox kif ukoll illi l-aperturi miżmuma fil-garaxx kienu kollha propjetà tagħha. Inoltre, waqt l-istess aċċess ġie rapportat illi l-imputat, is-Sur Terence (Terence William) Zammit iddikjara wkoll li kien hemm xi aperturi oħra propjetà tal-parte civile s-Sinjura Isabelle Farchy li kien qegħdin jiġu maħżuna f'No.11, Ħas Sajd Street, Ħaż-Żebbuġ, f'Malta.

Waqt seduta datata 27 ta' April 2022, l-imputat xehed illi kien laħaq ftehim mal-parte civile u nbeda x-xogħol. Qal li parti mix-xogħol kien jinvolvi li jinqalgħu l-bibien il-qodma tal-injam biex ikunu jsiru aperturi, fetħiet u arkati. Qal li l-parte civile ma kellhiex fejn tpoġġihom u huwa kien offra li jitpoġġew ġo garaxx f'Kerċem ta' terza persuna. Huwa sostna li dan għamlu bi pjaċir u bla flus. Kompla jgħid li meta l-parte civile għażlet li tittermina l-kuntratt ta' xogħlijiet, huwa dejjem kien lest li jgħaddilha lura dawn il-bibien iżda ma riedx jinkorri aktar spejjeż dwarhom vis-à-vis trasport tagħhom. Għalhekk skont l-istess imputat, huwa kien infurmaha li setgħet tmur għalihom a spejjeż tagħha. Spjega li kien hemm okkażjoni fejn huwa kien anke mar għand sid dan il-garaxx biex jipprova jieħu lura dawn l-oġġetti iżda dan kien talbu xi flus bħala spejjeż talli kien żamm dawn l-oġġetti fil-garaxx tiegħu. Sostna wkoll li parti minn dawn l-aperturi jinsabu stivati għand xi ħadd jismu Armstrong, il-Mosta, peress li già kienu bdew jitqaxxru. Spjega li meta dan l-aħħar, kien reġa' offra biex il-parte civile tmur għal tali aperturi, il-legali tagħha kien infurmah li issa dawn il-bibien ma kellhomx x'jambuhom peress li l-parte civile ġiet kostretta tixtri oħrajn.

**Vincent Cassar** sid il-garaxx fejn jinsabu stivati parti mill-apertura xehed illi hu ma jsibx oġġezzjoni illi jirritorna lura l-affarijiet li hemm fil-garage tiegħu:

*"jien la hemm każ, la hawn każ il-Qorti agħtuni direzzjoni x'irrid nagħmel, imma jien irrid ngħidlek ukoll li jien ħaqqni xi ħaġa ta' dawn l-affarijiet, dan iż-żmien kollu bil-garaxx....issa jien qed nitkellem xi ħaġa għalija, ilni nbati. Garaxx ta' tlett karozzi..."*

**Gordon Farrugia** in rappreżentanza ta' Armstrong Woodworks Limited ikkonferma illi fil-2016 ġabulu xi xogħol ta' bibien u twieqi biex iqaxxarhom, u li dawn baqgħu għandu minn dakinhar. Hu kkonferma li dan ix-xogħol wettqu seba' snin ilu. Ikkonferma wkoll li dawn l-oġġetti baqgħu għandu dan iż-żmien kollu. Mistoqsi mill-Avukat Dr Joseph Grech għall-imputat jekk isibx xi oġġezzjoni jekk xi ħadd imur u jiġborhom, ix-xhud wieġeb: *"Ngħidlu thank you hu. Jiena spazju għalija. Għandi kantuniera mimlija."*

**Ikkunsidrat:**

Illi kif ingħad diġà, l-imputat huwa akkużat bir-reat ta' miżappropriazzjoni taħt l-artikolu **293 u l-artikolu 294 tal-Kap. 9**. L-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li huwa ħati tar-reat ta' approprazzjoni indebita:-

*"Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat ..."*

Imbagħad, taħt l-artikolu 294, dan ir-reat jiġi aggravat u jitmexxa ex officio mill-Pulizija kull:

*"... meta d-delitt imsemmi ... jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju".*

L-element intenzjonali fir-reat ta' approprijazzjoni indebita jinsab fil-prova li l-imputat ikun irid jikseb vantaġġ illeċitu billi jdawwar għalih innifsu flus jew oġġetti li jkunu ġew fdati f'idejh għal skop partikolari. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Attard**, deċiża fil-21 ta' Marzu 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), ġie ritenut:-

*"Skond ġurisprudenza kostanti u anke skond awturi, ġeneralment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li ġejjin:*

*1. Illi l-pussess tal-ħaġa jkun ġie trasferit lis-suġġett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jiġi speċifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivoċita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil aġent jew lis-suġġett attiv tad-delitt, trid tkun magħmula con l'animo di spostarsi del possesso, għax altrimenti jiffigura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.*

*2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' għaliex f'dan il-każ ma jiffigurax l-element tal-azzjoni ndebita.*

*3. Illi l-oġġett irid ikun mobbli.*

*4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jagħmel tiegħu il-ħaġa ċioe japproprja ruħu minnha, jew jbiegħa, jew jiddistruġġiha a proprio commodo o vantaggio;*

*5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suġġett attiv tar-reat li japproprja ruħu mill-oġġett li jkun jaf li huwa ta' ħaddieħor" (Il-Pulizija vs Marbeck Cremona - Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) – 15/02/2007)".*

Illi f'sentenza oħra, din id-darba deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci**, fl-14 ta' Frar 1997, ġie mfisser bi kliem sempliċi l-elementi ta' dan ir-reat:

*"Minn eżami ta' l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jidher ċar li wieħed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frażi: "... taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu ... li jsir użu minnha speċifikat ...". Speċifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-ħaġa lill-agent u minn ħadd iżjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-ħaġa u ħadd ħliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispeċifika lill-agent dwar kif ikollu jagħmel użu mill-oġġett ikkonsenjat lilu minnha. ... ... ...*

*F'kull każ, fl-indaġini dwar il-ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova ta' l-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx għamel mill-ħaġa dak l-użu jew użu divers."*

Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fil-każ numru: 300/2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Doriette Cuschieri) vs. Joanne Sciberras deċiża fil-15 ta' Diċembru 2022 intqal hekk:

*"L-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jghid:*

*"Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Izda ebda proceddiment kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti."*

*L-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali jghid:*

*"Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan jigi maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lill-hati minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

*Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza Il-Pulizija vs Alan Azzopardi et (Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, Deciza 24 ta' Novembru 2000) fejn gie ritenut:*

*Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprazzjoni indebito huma dawn li gejjin:*

*1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprazzjoni indebito, imma s-serq.*

*2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni indebita (kif fil-fatt gara f'dan il-kaz meta sar il-bejgh).*

*3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

*4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha jew jbiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

*5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm d-dannu patrimonjali kawzat lil proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni indebito.*

*Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat jdawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero jidher car li lkuncett kollu tal-approprazzjoni indebito huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li pesuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiehor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed miccirkostanzi li jikkontempla l-artikolu 293 tal-Kodici taghna.*

*In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebito wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn l-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara Crivellari - Dei Reati contra la Proprieta – pg. 498; ediz. 1998).*

*Il-Carminiani fil-ktieb tieghu Elementi Iuris Criminali - (para 1020) jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:*

*"il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

*Carrara fil-kieb tiegħu Diritto Penale taħt t-titolu Esposizione dei Delitti Inspecie (vol 4. para 284) li wkoll jissejjaħ dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan r-reat bhala:*

*" la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

*Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebito ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciz nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia deciz nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949 u Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciz nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.)*

*B'dan il-Qorti trid tfisser li irid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati in buona fede."*

Sejra ssir riferenza għas-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-kawża **Il-Pulizija vs. Avukat Dr. Siegfried Borg Cole LL.D.**, fejn l-imputat kien ittardja biex irodd lura parti mid-depożitu li kellu jinżamm mill-avukat, u li kien tħallas lilu fuq konvenju bejn il-parte civile (xerrej prospettiv) u terza persuna (venditur prospettiv). Il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet waqt seduta tat-23 ta' Diċembru 2003 li:

*"Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jiġu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni tagħhom tista' tammonta għal approprjazzjoni indebita, fil-kaz in dizamina jonqos għal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm id-dolo rikjest mill-liġi, u ċioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruħhu billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra mill-flus li kien qed iżomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jagħmel xi ħaġa illegali sempliċement għax ittardja li jagħmel il-konteġġi meħtieġa, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jagħmel profit minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Majno (Commento al Codice Penale Italiano, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951)*

*"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro:* ***onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di element obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del***

***proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo...Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole."***

Illi r-riferenza minn dik il-Qorti għall-awtur Majno tassumi rilevanza tenut kont tal-fatt li Majno kien qiegħed jikkummenta fuq ir-reat ta' approprjazzjoni indebita kif definit fl-artikolu 417 tal-Kodiċi Penali Taljan tal-1889 (Codice Zanardelli) li jikkorrispondi mal-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali tagħna. Awturi oħrajn, bħal Antolisei u Manzini, jikkumentaw dwar ir-reat kif definit fil-Kodiċi Penali Taljan tal-1930 (Codice Rocco) liema definizzjoni ma tikkorrispondix mal-artikolu 293 imsemmi.

Di fatti, l-awtur Luigi Majno dwar dan l-element jgħid: "Parlando la legge di affidamento o consegna senza specificazione di modalità, è indifferente che la cosegna sia fatta direttamente e materialmente dal proprietario, oppure la cosa poi appropriata fosse pervenuta in possesso del colpevole per effetto di un rapporto contrattuale non traslativo di dominio."

Għalkemm fil-paragrafu ċitat Majno jitkellem dwar impossessament mill-ħati b'effett ta' rapport kontrattwali — li hija ċertament is-sitwazzjoni l-aktar komuni — tenut kont tal-fatt li, kif jgħid sew l-istess Majno fl-istess paragrafu, l-liġi ma tillimita b'ebda mod il-modalità ta' kif isir l-affidament jew il-konsenja, ma hemm ebda raġuni sabiex tiġi eskluża s-sitwazzjoni fejn il-konsenja u l-affidament isiru b'operazzjoni tal-liġi u t-titolu li jagħti lok għall-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir mill-ħaġa użu speċifikat ikun ukoll bl-operazzjoni tal-istess liġi.

Kif già ġie rilevat, mid-definizzoni tar-reat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta li huwa t-titolu li bih is-suġġett attiv irċieva l-pussess tal-oġġett li għandu jkun tali li jobbliga lis-suġġett attiv li jagħmel użu speċifikat u mhux

neċessarjament li l-użu għandu jiġi speċifikat mill-konsenjatur mal-konsenja tal-oġġett. Dan huwa msaħħaħ b'dak li jipprovdi l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali li minnu jirriżulta li r-reat ta' approprjazzjoni indebita jista' jseħħ ukoll fuq ħaġa "fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba ... depożitu neċessarju" fejn l-affidament u l-konsenja u l-użu speċifikat ma jsirux direttament mill-propjetarju tal-oġġett depożitat iżda jsiru in virtù tal-liġi.

Mill-provi prodotti m'hemmx dubju li l-parte civile fdaw lill-imputat bl-oġġetti mobbili li rriżulta li għadhom stivati, in parti f'garaxx propjetà ta' Vince Cassar, ta' Kerċem, Għawdex, u in parti fil-fabbrika ta' Armstrong Woodworks Limited, Malta. Mill-provi però ma jirriżultax li d-detenzjoni illi l-imputat seta' kellu fuq dawn l-oġġetti ġiet konvertita mill-akkużat għal raġuni jew skop divers minn dak għalfejn kienet ġiet fdata lilu.

Infatti fl-atti m'hemm l-ebda prova – lanqas fuq bażi ċirkustanzjali – li tindika li l-oġġetti fdati lill-akkużat ġew utilizzati għal xi skop ieħor jew inkella marru xi mkien ieħor. Il-Prosekuzzjoni kienet taħt l-obbligu li tagħmel tali prova. Din m'għamlithiex. Fin-nuqqas ta' tali prova kruċjali, din il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib ħtija fl-akkużat għal din l-akkuża.

F'dan ir-rigward, il-Qorti sejra tagħmel l-istess ammoniment lill-prosekuzzjoni li kienet għamlet il-Qorti tal-Appell fil-kawża appena ċitata il-Pulizija vs Avukat Dr Seigried Borg Cole:

*"Anke mad-daqqa t'għajn hu evidenti li l-kwistjoni li kien hemm .... kienet waħda ta' natura purament ċivili... F'dan ir-rigward il-Pulizija kjarament aġixxiet ħażin.*

*Din mhix l-ewwel darba li din il-Qorti kellha tiċċensura lill-Pulizija meta din, flok ma teżamina l-każ sew biex tara jekk verament hemmx lelementi kollha – għall-anqas prima facie – biex tipproċedi kriminalment, taqbad u tieħu t-triq l-aktar faċli li takkużaa lil dak li jkun quddiem il-Qorti. Ma hux sew li l-Pulizija u l-proċeduri kriminali jiġu strumentalizzati biex tiġi eżerċitata pressjoni fuq dak li jkun biex jeżegwixxi xi obbligu ċivili meta fl-istess waqt il-provi li jkollha l-Pulizija f'idejha ma jkunux juru li verament hemm każ ta' reat."*

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u konsegwentament tilliberah minnhom.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**